**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Lynette Chircop

vs

Omar Fava Construction

CCT

21 ta' Mejju 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fl-17 ta' Awwissu 2016 fejn talbet il-hlas ta €3,500, prezz ta' xoghol rimedijali li kellha taghmel wara li ngaggat il-konvenut biex jahgmel xoghol ta' cement, plastering u gypsum, liema xoghol ma sarx skond is-sengha u l-arti.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentat fl-4 ta' Novembru 2016 fejn cahad it-talba bhala infondata fil-fatt u fid-dritt u qal li x-xoghol li ghamel hu kien skond l-arti u s-sengha.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ra illi fis-seduta tal-11 ta' Dicembru ma deher hadd ghall-azjenda intimata, ghalkemm kienet debitament notifikata u l-kawza kienet giet differita ghal provi kollha tal-azjenda intimata ghas-26 ta' Frar 2018.

Ra illi fis-26 ta' Frar 2018 rega' ma deher hadd ghall-azjenda intimata u t-Tribunal wara li ra l-artikolu 12.1 tal-Kap 378 iddiferixxa l-kawza ghas-sentenza in diffett ta' ostakolu ghall-21 ta' Mejju 2018.

Ikkunsidra.

Illi rrizulta mill-provi illi fis-sena 2014 ir-rikorrenti u r-ragel taghha kienu kellmu l- xi hadd minn Turnkey Projects, li eventwalment qabbadhom mal-konvenut Omar Fava. F'Ottubru 2014 Fava kien gie fuq il-post biex jara x'kien hemm bzonn issir u kien tahom stima. Ix-

xoghol beda fl-ahhar ta' 2014 u sa Dicembru 2015 hafna mix-xoghol kien diga lest u l-konvenut gie moghti zewg pagamenti. Wiehed ta' €2,360 u iehor ta' €6,1147.16. Sadattant kienu diga bdew johorgu xi diffetti u sa' Marzu 2016 (meta x-xoghol kien tlesta) komplew johorgu iktar diffetti bhal per ezempju qsim fil-kantunieri u fil-gypsum. Meta l-konvenut gie infurmat b'dawn id-diffetti qal li dan kien normali peress illi kien bini gdid u meta gie rinfaccjat bil-problema tal-hadid li kien ghaddej minn gol-fittings qal li ha jaqta' l-hadid. Ir-rikorrenti u r-ragel taghha ddecidew li jgibu xi hadd biex jiehdu 'second opinion' u gabu lil Keith Micallef li nnota diversi diffetti. Iprruvaw jkellmu lill-konvenut li rega' qalilhom li dawn id-difetti kienu affarijiet normali. Miinhabba l-periklu li kien hemm u minhabba li l-kuntatti ma tantx baqghu tajbin bejniethom, gabu haddiem il-gdid li f'gimghatejn lesta jollox. Hallsu €3,500 ghal dan ix-xoghol. Kienu baghtu ittra tal-avukat lill-konvenut li baqa ma wegibx u kienu inkarigaw perit li hareg rapport u li xehed ukoll f'dawn il-proceduri.

Illi l-Perit Joseph Cassar kkonferma r-rapport tieghu. Spjega li ra kemm is-suffett li kien ghadu kif sar xi hmistax qabel, kif ukoll il-hitan u nnota li kienu diga qed jidhru qasmiet bejn il-gypsum boards li generalment johorgu wara hafna snin. Fir-rapport tieghu, ikkonkluda hekk:

*"From what has been observed and reported, it is obvious that the installation of the gypsum board cladding and suspended ceiling was done in a careless manner. No proper planning had gone into the preparation of the cladding. It was not done according to standard practise. The works can be considered as inferior quality and not up to standard."*

Xehed ukoll ir-ragel tar-rikorrenti li kkonferma dak kollu li gara u qal li kien ta l-konvenut cans biex jirranga l-affarijiet izda x-xoghol baqa ma sarx u ghalhekk kellu jinkarigu haddiehor biex jaghmel ix-xogholijiet rimedjali necessarji peress illi kien ser jizewweg u z-zmien kien qed jaghfas

Illi r-rikorrenti gabu lil Keith Micallef sabiex itihom opinjoni ohra dwar ix-xoghol maghmul mill-intimat. Bejn wiehed u iehor dan irriskontra l-istess haga illi ra l-perit u cjoe'illi l-gonot ma kienu uniformi (cracks fis-saqaf), ma kienx hemm hadid bizzejjed u l-gypsum kien qed jiddendel.

Ikkunsidra

Illi mhuwiex kontestat illi l-intimat ghamel xogholijiet fid-dar tar-rikorrenti u ghal dawn ix-xogholijiet thallas l-ammonti indikat mir-rikorrenti fix-xhieda taghha. Jidher ukoll illi kien hemm xi ilmenti fuq ix-xoghol tal-intimat, specjalment fejn jirrigwarda t-tqeghid tal-gypsum u xoghol iehor in konnessjoni ma' tkahhil u tibjid. Ma sarx ftehim bejn il-partijiet tant illi fl-ahhar ir-rikorrenti gabu l-perit Cassar biex jaghmel spezzjoni fuq il-post u jipprepara rapport fuq dak li jkun sab. Il-konkluzjoni tieghu tinsab rapportata aktar il-fuq f'dan il-gudikat. Fil-qosor dan ikkonkluda li x-xoghol maghmul mill-intimat ma kienx skond l-arti u s-sengha u ghalhekk ir-rikorrenti kellha tqabbad il-haddiehor biex jaghmel ix-xoghol mill-gdid. Ghal dan ir-rikorrenti hallset €3,500.

Illi fir-risposta tieghu, fost affarijiet ohra, l-intimat jilmenta illi meta l-perit ghamel l-ispezzjoni ma kienx prezenti u ma nghatax l-opportunita' biex jispjega l-operat tieghu f'dan ix-xoghol. B'kull dovut rispett, dan jista' jkun minnu, pero' min-naha l-ohra, meta l-intimat nghata l-opportunita' biex jispjega l-operat tieghu quddiem dan it-Tribunal, f'seduta apposta rizervata ghalih dan ma deherx, kif anke ma deherx drabi ohra. Ghalhekk kwindi, dan it-Tribunal ghandu quddiemu prova (ir-rapport tal-perit) li juri li x-xoghol li ghamel l-intimat ma kienx skond l-arti u s-sengha. Jekk l-intimat ma jirribattix din il-prova, allura t-Tribunal ikun gustifikat illi joqghod fuq dak li qal il-perit, peress li f'dan l-istadju dak ir-rapport baqa' mhux kontestat. Barra minn hekk it-Tribunal jinnota nuqqas ta kooperazzjoni min-naha tal-intimat meta dan ma deherx ghas-seduti u naqas li jibghat rapprezentant biex jidher ghalih. Dan jinduci lit-Tribunal favur it-tezi tar-rikorrenti li tisthoqq li tkun milqugha.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti. Bl-ispejjes kontra l-azjenda intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru